# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IL-ĦAMIS, 28 TA' FRAR 2019

**Kawża Nru: X**

**Rik. Ġur. Nru. 599/2016 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**Darren David Borg**
**Maria Attard**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konvenuta Maria Attard tat-18 ta' Jannar 2019[1], li permezz tiegħu ppermettiet u talbet is-segwenti:

Illi l-esponenti qiegħda tippreżenta dan ir-rikors in sostenn tal-verbal ta' dina l-Onorabbli Qorti datat nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena kurrenti sabiex titlob l-awtorizzazzjoni ta' din il-Onorabbli Qorti sabiex tressaq xhieda ulterjuri f'dana l-istadju;

[1] Paġna 109 tal-proċess.

1. Illi l-esponenti tissoleva illi hija tixtieq tressaq lil Irene Borg u lil David Borg, ossija l-ġenituri tal-intimat Darren David Borg bħala xhieda ulterjuri, liema xhieda ma' kienux oriġinarjament indikati fil-lista tax-xhieda kif annessa flimkien mar-risposta ġuramentata, stante' ċirkostanzi li ma ppermettewx li l-ħtieġa li jkunu ndikati fl-istess lista;

2. Illi *nonostante*' peress li l-intimat Borg ma weriex interess fil-kawża, u lanqas hemm indikazzjoni ta' fejn jinsab preżentament, l-esponenti tara ekwu li sabiex tissalvagwardja l-interessi tagħha tressaq lill-ġenituri tal-intimat bħala xhieda ulterjuri;

3. Illi l-individwi su-indikati huma xhieda relevanti u hu pertinenti li jagħtu d-deposizzjoni tagħhom in kwistjoni mal-mertu tal-kawża odjerna, u dan ai termini tal-artikolu 156(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qiegħda titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabeix tagħtiha l-fakolta' illi tressaq bħala xhieda lil Irene Borg u lil David Borg sabiex jagħtu d-deposizzjoni tagħhom għar-raġunijiet hawn fuq indikati.

Rat ir-risposta tas-soċjeta Bank of Valletta p.l.c għar-rikors tal-konvenuta Maria Attard tat-18 ta' Jannar 2019[2] li taqra kif ġej:

1. Illi l-ewwelnett u qabel kollox, fl-umli sottomissjoni tal-esponenti, ftit jista' jinghata aditu jew kredibilita' ghat-tezi tal-istess konvenuta rikorrenti u dan anke mill-mod ta' kif gabet ruhha sal-lum quddiem din il-Qorti f'dawn l-atti:

(i) Illi l-ewwelnett u qabel kollox, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-26 t'Ottubru 2017, din il-Qorti diversament preseduta, kienet ultra che

[2] Paġna 112 tal-proċess.

generuza mal-konvenuta u ippermetitilha tipprezenta r-Ripsota Guramentata taghha, minkejja illi kienet kjarament kontumaci skond il-Ligi.

(ii) Illi imbaghad il-konvenuta ipprezentat ir-Risposta Guramentat fejn stqarret illi d-debitu kien wiehed li jirrelata ghan-negozju tal-konvenut Darren David Borg li pero' hija ma kinitx involuta fih u kellha tiffirma ghall-istess facilitajiet bankarji ta' *Loan and Overdraft* ghaliex kienet mizzewga lil Darren David Borg fi zmien li inghataw il-koncezzjonijiet emfitewtici. Qalet ukoll li fil-ftehim ta' separazzjoni hemm regolat *expressis verbis* illi d-dejn tal-Bank of Valletta ghandhu jithallas mir-ragel.

Illi imbaghad, pero' il-konvenuta tibdel il-verzjoni taghha meta hija tipprezenta l-affidavit u dan ghaliex fl-affidavit minnha ipprezentat, hija ssostni illi dan id-dejn ma ittihiedx ghal xi skop tal-konjugi Darren David Borg u l-istess konvenuta imma sabiex jiġu ffinanzjati l-bzonnijiet ta' missier Darren David Borg.

(iii) Illi wara dan il-kambjament ta' pozizzjoni issa il-konvenuta tohrog bil-propozitu illi hija ma setghetx tkun taf bl-importanza ta' xhieda ta' missier u omm David Darren Borg meta ipprezentat ir-Risposta Guramentata u li issa ghalhekk tridhom jiddeponu.

(iv) Illi l-artikolu 156 (8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car fis-sens illi xhud mhux indikat jista' jigi prodott biss

a. Jekk jkun hemm il-kunsens tal-parti kuntrarja li f'dan il-kaz ma hemmx.

b. Jekk il-htiega tax-xhud tinqala' wara li tkun giet ipprezentata ir-Risposta Guramentata u f'dan il-kaz huwa car u manifest illi anke kieku kien minnhu illi missier u omm l-istess konvenut Darren David Borg kellhom xi xhieda xi jressqu in rigward l-importanza ta' tali xhieda l-konvenuta kienet taf bih sew qabel pprezentat l-istess Risposta Guramentata – dan dejjem jekk il-konvenuta issa tista' titwemmen f'dak li qed tghid fl-affidavit taghha.

c. Illi din l-Onorabbli Qorti tqis illi jkun fl-interess tal-gustizzja li tisma' xi xhud partikolari. Dwar dan tal-ahhar l-esponenti naturalment tirrimetti ruhha ghas-sapjenza ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tixtar jekk il-konvenuta, li aggixiet b'dan il-mod sal-lum f'dawn l-atti, jisthoqqilihiex illi tigi emmnuta u/jew jekk ix-xhieda ta' omm u missier il-konvenut hiex neccessarja u dan anke biex ma jinghadx jekk din ix-xhieda hiex relevanti ab initio.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju jekk il-konvenuta kellha titwemmen fit-tezi taghha, kif esposta fl-affidavit taghha u li ma qabel xejn mat-tezi illi hemm fir-risposta guramentata, allura anke din is-sottomissjoni tal-konvenuta hija milquta bl-illecieta', stante illi, in poche parole, li tkun qed tipprova tghid fl-affidavit taghha l-konvenuta huwa illi hija ppartecipat f'xi forma ta' skema biex facilitajiet bankarji illi suppost inghataw lill-genituri ta' David Darren Borg "taparsi" inghataw f'isem Darren David Borg u f'isimha. Gialadarba *nemo auditur in iure turpitudinem suam allegans*, hadd ma jista' jressaq il-quddiem tezi bazata fuq l-illecitu minnu propost u jekk il-konvenuta u l-konvenut riedu jqarqu bil-bank billi ma jghatux informazzjoni korretta, ma jistghux issa jressqu din it-tezi bhala parti mill-eccezzjonijiet taghhom.

3. Illi l-esponenti tinnota ukoll illi din it-talba qed issir meta il-konvenuta lanqas minimament provat tressaq ir-ragel taghha bhala xhud f'din il-kawza sabiex b'xi mod jikkorrobora xi haga minn dak li qed tghid u allura forsi kien jkollha xi sostenn ta' verita'. Mhux necessarjament kredibbli l-konvenuta meta qed tghid illi hija m'ghandhiex indikazzjoni ta' fejn jinsab zewgha prezentement, fil-fehma umili tal-esponenti.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-bank attur huwa kostrett illi jopponi ghat-talba maghmula mill-konvenuta u umilment jissottometti illi din ghandha tigi michuda.

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għal provvedimet dwar l-ammissibilità o meno ta' xhieda mhux dikkjarati mill-konvenuta Maria Attard.

Ikkunsidrat

Illi fis-26 ta' Novembru 2018 permezz tal-Mandat għat-taħrika ta' xhieda[3], il-konvenuta Maria Attard ħarket lil David Borg, lil Irene Borg u lil Darren David Borg. Fil-waqt li Darren David Borg, il-konvenut l-ieħor f'din il-kawża huwa xhud li ġie ddikjarat minn Maria Attard fir-Rispota Ġuramentata tagħha tat-3 ta' Novembru 2018, mhux l-istess jista' jingħad għal David Borg u Irene Borg, il-ġenituri ta' Darren David Borg.

Illi fil-15 ta' Jannar 2019, waqt is-smiegħ tal-kawża l-abbli difensur tal-Bank attur irrileva 'illi x-xhieda nġunti għas-seduta tal-lum mill-konvenuta ma kinux minnha ddikjarati fil-lista tax-xhieda annessa mar-Risposta Ġuramentata u għalhekk jissottometti illi qabel ġew inġunti kellha tintalab l-awtorzzazzjoni tal-Qorti'. In segwietu għal dak li ġie vverbaliżżat mil-legali tal-Bank attur, l-abbli difensur tal-konvenuta Maria Attard iddikjarat li ser tippreżenta rikors għall-awtoriżżazzjoni relattiva. Kien għalhekk li fit-18 ta' Jannar 2019 il-konvenuta Maria Attard ippreżentat ir-rikors in kunsiderazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-pedament għall-produzzjoni tax-xhieda minn konvenut waqt kawża huwa l-**Artikolu 158 (4) tal-Kapitolu 12 li** jipprovdi li '[...] Il-konvenut għandu wkoll jagħti l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib u jiddikjara dwar kull wieħed minnhom xi prova jkun bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom. [...]'. Dan is-sub-artikolu huwa simili għal dak li jingħad fl-Artikolu 156 (4) liema artikolu fil-każ tal-aħħar sub-artikolu jirregola x-xhieda tal-attur. **Artikolu 158 (5)** (li huwa ekwivalenti għall-Artikolu 156

[3] Paġna 104 tal-proċess.

(7)) jipprovdi li l-Qorti ma għandha tħalli jinġieb ebda xhud li ismu ma jkunx ingħata fil-lista ta' xhieda fir-risposta ġuramentata. Din hija r-regola.

Illi għal din ir-regola ġenerali, l-istess sub-artikolu jellenka s-segwenti eċċezzjonijiet:

a. meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala wara li tkun ġiet preżentata d-dikjarazzjoni, jew
b. meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha b'nota separata, jew b'notament fil-ġenb jew fit-tarf tar-rikors, jew
c. jekk il-qorti tqis li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstema.

Illi l-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Cutalex Tourist Company Limited vs. Pamela Rose Wathen pro et noe** spjegat illi *'li l-konsiderazzjoni l-ohra dwar il-possibilita` ta' ammissjoni ta' xhud mhux dikjarat "jekk il-Qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-gustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari" ghandha dejjem tinftiehem u tigi interpretata fl-ambitu tar-regola li tghid li kull xhud ghandu jigi dikjarat minn qabel u mhux wara li jibdew il-proceduri.'* [4]

Ikkunsidrat

Illi fil-każ odjern, il-Bank attur mhux talli ma tax il-kunsens tiegħu għall-produzzjoni tax-xhieda ta' David Borg u Irene Borg, talli qiegħed jopponi għat-talba relattiva.

Ikkunsidrat ukoll

Illi l-konvenuta tiġġustifika t-talba għall-produzzjoni ta' xhieda mhux dikjarati billi tispjega li 'ċirkostanzi ma ppermettewx li l-ħtieġa li jkunu ndikati fl-istess lista' u li 'peress li l-intimat Borg ma weriex interess fil-

[4] Sentenza in parte mogħtija fit-30 ta' Mejju 2003

kawża [...] tara ekwu li sabiex tissalvagwarja l-interessi tagħha tressaq lill-genituri tal-intimat bħala xhieda ulterjuri'.

Illi r-raguni mogħtija ma fiha l-ebda fondament legali u dan għaliex ma kienx hemm bidla fiċ-ċirkostanzi bejn meta ġiet ippreżentata r-risposta ġuramentata u wara dan iż-żmien. Fil-mument li hija intavolat ir-risposta ġuramentat tagħha iċ-ċirkostanzi kienu li hija kienet ġiet mitluba tiffirma kuntratt ta' *overdraft* fit-22 ta' Marzu 2007. Jekk huwa minnu li dan l-*overdraft* fil-verità seħħ sabiex il-kunjati tagħha, David Borg u Irene Borg, ikunu jistgħu jixtru fond ġewwa Marsaskala, Maria Attard dan kienet tafu fit-3 ta' Novembru 2016  u ċioe meta ippreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha. Mela għalhekk, jekk il-konvenuta riedet tipprova l-pretenzjoni tagħha li l-*overdraft* ġiet imġiegħla tieħdu minħabba fihom, din il-ħtieġa kienet diġa evidenti mal-preżentata tad-dikjarazzjoni u ma qamitx wara li ġiet intavolata l-imsemmija risposta.

Illi lanqas ma jreġġi l-argument li l-ħtieġa ta' dawn ix-xhieda hija neċċessarja għaliex Darren David Borg mhux qiegħed juri interess f'dawn il-proċeduri. Il-ħtieġa ta' xhud ma tinbitx jew tinbiddel għas-sempliċi fatt u raġuni li konvenut ieħor fl-proċeduri mhux qiegħed jipparteċipa jew juri interess. Id-dikjarazzjoni tax-xhieda issir sabiex kull parti tipprova u ssostni dawk il-pretenzjonijiet minnha mressqa.

Dwar il-kap tal-ispejjeż relattiv għal dan l-episodju il-Qorti tqis illi r-rikors għandu mill-fieragħ u għalhekk ser teżerċita d-diskrezzjoni tagħha illi f'dan l-istadju takkolla l-ispejjeż relativi fuq l-istess rikorrenti konvenuta.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors tal-konvenuta Maria Attard tat-18 ta' Jannar 2019 billi tilqa' l-obbjezzjoni relativa imressqa mill-bank attur permezz ta' risposta preżentata fil-5 ta' Frar 2019; u tiċħad ir-rikors imsemmi stante li ma rriżultawx l-estremi kontemplati fl-Artikolu 158 (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Spejjeż tar-rikors hawn deċiż a kariku tal-konvenuta Maria Attard.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion LL.D.**
**Imħallef**
28 ta' Frar 2019

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**
28 ta' Frar 2019